MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 70/2002/1

**Anthony Pandolfino ghan-nom ta' Pandy's Riding School Company Limited**

**Vs**

**Eddie Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm132.91c (mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li:

- In linea preliminari, din il-kawza ghandha titqies dezerta ai termini ta’ l-Artikolu 963 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

- Li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika u li din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta’ kawza ohra, u

- Li l-attur ma ppresta ebda servizz.

Ra li l-ewwel eccezzjoni giet michuda b’sentenza in parte ta’ dan it-Tribunal datata 27 ta’ Mejju, 2004.

Ra t-tieni eccezzjoni li tghid:

“Illi fit-tieni lok, u wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet in vista tal-fatt illi l-attur noe m’ghandu l-ebda titolu fuq l-istallel in kwistjoni. Effettivament it-titolu pretiz mill-attur noe jifforma l-mertu ta’ proceduri ad hoc pendenti quddiem l-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Michael Spiteri et Vs Anthony Pandolfino noe (Citazzjoni Numru 1359/02)** u ghalhekk, in vista tal-fatt illi l-prova dwar l-allegat titolu de quo, li fuqu jiddependi wkoll is-success o meno tat-talbiet attrici odjerni, tistrieh fuq l-ezitu tal-kawza fuq imsemmija, l-proceduri odjerni ma jistghux jipprocedu. Ghaldaqstant, l-eccipjenti qed jitlob illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza fl-ismijiet fuq indikati.”

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi fit-talbiet attrici hemm talba ghas-somma allegatament dovuta lill-attur noe stante servizzi rezi minnu fl-istallel. Illi fit-tieni eccezzjoni l-konvenut jghid li m’hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u mbaghad jghid li hemm kawza bejn il-partijiet u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jissoprasjedi. Illi sabiex jiddeciedi jekk hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet hemm lok li t-Tribunal

jisma’ x-xhieda tas-socjeta’ attrici dwar l-allegati servizzi rezi lill-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal mhux se jikkunsidra l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni f’dan l-istadju.

It-tieni parti ta’ l-eccezzjoni tikkonsisti f’talba ghas-soprasessjoni billi l-konvenut jallega li s-socjeta’ attrici m’ghandhiex titolu fuq il-fond in kwistjoni. It-Tribunal ma jaqbilx li “prova dwar l-allegat titolu” huwa daqshekk materjali f’din il-kawza. Illi jekk is-socjeta’ attrici rrendiet servizz jista’ jkun hemm lok ta’ kumpens.

Illi s-success o meno tat-talbiet attrici jiddependi fuq ir-realizzazzjoni tar-rekwiziti rikjesti mil-ligi taghna rigward kumpens ghas-servizzi rezi u mhux fuq it-titolu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad it-tieni parti tat-tieni eccezzjoni u jiddiferixxi l-kawza ghall-provi dwar l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni u dwar it-tielet eccezzjoni.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------